# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 22 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru: 16**

**Rikors Numru: 568/2016 JPG**

**Nestle Malta Limited (C33045)**

**VS**

**2A Co. Limited (C44598)**

**Il-Qorti,**

Rikors guramentat ta' Nestle Malta Ltd, li tiddikjara u Joseph James Bugeja (I.D. 402286(M) in rappresentanza tal-istess bil-gurament tieghu jikkonferma, datata 13 ta' Lulju 2016, (vide fol 2) li jaqra hekk;

1. *Illi s-socjeta intimata xtrat merkanzija minghand is-socjeta rikorrenti, li da parti taghha kkonsenjat l-istess lill-intimata;*

2. *Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal disgha u sittin elf u sebgha u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€69,047.81);*

3. *Illi dan id-debitu ilu dovut, u ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;*

4. *Illi ghalhekk is-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-imsemmija somma ta' disgha u sittin elf u sebgha u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€69,047.81);*

5. *Illi dan id-debitu tas-socjeta intimata fil-konfront tas-socjeta rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta rikorrenti tikkonferma hawn stess, u fil-fehma taghha s-socjeta intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;*

6. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat jaghmel din id-dikjarazzjoni;*

7. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tiddikjara lis-socjeta intimata debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' disgha u sittin elf u sebgha u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€69,047.81);*

*2. Tikkundanna lill-istess intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti l-imsemmija somma ta' disgha u sittin elf u sebgha u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€69,047.81);*

*3. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-interessi legali mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid pprezentat kontestwalment ma dan ir-rikors, kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ngunta ghas-subijzzjoni*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permezz ta' affizzjoni fit-22 ta' Dicembru 2016 (a fol 33) permezz ta' pubblikazzjoni ta' gazzetta tal-gvern fit-30 ta' Dicembru 2016 (a fol 31) u permezz ta' gazzetta lokali fl-24 ta' Jannar 2017 (a fol 37);

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum kif ukoll fl-udienza tas-16 ta' Marzu 2017, rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta ma deherx (vide fol 39).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2017 d-difensur tal-kumpannija attrici ddikjara illi mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sal-lum il-kreditu pretiz baqa' ma thallasx.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati;

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi:

1. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh a bazi tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta intimata debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' disgha u sittin elf u sebgha u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€69,047.81);

3. Tikkundanna lill-istess societa' intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti l-imsemmija somma ta' disgha u sittin elf u sebgha u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€69,047.81);

Bl-ispejjez kif mitluba kontra s-societa' intimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**